IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.10.2005
KUMM(2005) 491 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

# STRATEĠIJA DWAR ID-DIMENSJONI ESTERNA TAL-QASAM TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA

**IL-KONTRIBUZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA**

# WERREJ

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI STRATEĠIJA DWAR ID-DIMENSJONI ESTERNA TAL-QASAM TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA ..... 1

I. DAĦLA ..... 3

II. SFIDI ..... 3

III. OBJETTIVI ..... 4

IV. KWISTJONIJIET ..... 6

V. PRINĊIPJI ..... 6

VI. STRUMENTI TA' POLITIKA ..... 7

VII. EŻEMPJI ĠEOGRAFIĊI TAL-MIXJA 'L QUDDIEM ..... 9

VIII. IL-PASSI LI JMISSU ..... 10

## I. DAĦLA

Filwaqt li jibni fuq il-Programm ta' l-Aja dwar "It-tisħiħ tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja fl-Unjoni Ewropea"[1], il-Kunsill Ewropew tas-16-17 ta' Ġunju 2005 stqarr li:

*Minħabba l-importanza dejjem tikber tad-dimensjoni esterna tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, [il-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' l-Aja] se jkun supplimentat fi tmiem is-sena bl-istrateġija li trid tkun adottata mill-Kunsill fuq proposta mill-SG/HR u l-Kummissjoni.*

Il-projezzjoni tal-valuri li jsostnu l-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja hi essenzjali sabiex tkun issalvagwardjata s-sigurtà interna ta' l-UE. Theddid bħalma huma t-terroriżmu, l-kriminnalità organizzata u t-traffikar tad-droga joriġinaw ukoll minn barra l-UE. Għalhekk hu kruċjali li l-UE tiżviluppa strateġija biex tidħol fi sħab ma' pajjiżi terżi fid-dinja.

Din il-Komunikazzjoni tindika l-isfidi esterni ewlenin li l-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja qed jiltaqa' magħhom, tidentifika l-objettivi ta' l-azzjonijiet esterni ta' l-UE f'dan il-qasam, tidentifika l-kwistjonijiet li jridu jkunu indirizzati madwar id-dinja, l-istrumenti f'idejn l-UE u l-prinċipji għall-għażla ta' azzjonijiet xierqa, tindika kif l-istrateġija tista' tkun applikata minn żona ġeografika u tagħmel ftit rakkomandazzjonijiet biex tħeffef l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija.

## II. SFIDI

Fi Feira f'Ġunju ta' l-2000, il-Kunsill Ewropew qabel fuq programm ta' prijoritajiet, objettivi u miżuri biex tkun żviluppata d-dimensjoni esterna tal-politiki tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà ). Ħames snin wara, kienet żviluppata diġà firxa wiesgħa ta' attivitajiet esterni ma' numru dejjem jikber ta' pajjiżi terzi u reġjuni, li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

Sa mill-2000, il-politika fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja ta' l-UE immaturaw konsidrevolment u evolvew biex jissodisfaw it-tħassib u l-bżonnijiet taċ-ċittadini Ewropej. Bħala riżultat, l-*acquis* żviluppa b'mod sinifikattiv permezz ta' l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-visas, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, id-droga, il-pulizija u l-ko-operazzjoni fl-infurzar tal-liġi, il-korruzzjoni, il-protezzjoni tad-*data*, u l-ko-operazzjoni ġudizzjarja fil-kwistjonijiet kriminali u ċivili. Dan l-*acquis* jipprovdi bażi wiesgħa għall-ko-operazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Id-dimensjoni esterna tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja qed tiżviluppa biex tindirizza l-isfidi esterni prinċipali, jiġifieri:

- Attakki terroristiċi, bħal dawk tal-11 ta' Settembru 2001, il-11 ta' Marzu 2004 u s-7 ta' Lulju 2005, wasslu għal impenn internazzjonali akbar fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, bħal per eżempju d-deċiżjoni ta' l-UE fit-13 ta' Lulju 2005 biex taċċellera l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni fil-Ġlieda kontra t-Terroriżmu.[2] L-UE qed tersaq lejn pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali biex tiżviluppa u ssaħħaħ l-ko-operazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

---

[1] Adottat mill-Kunsill Ewropew tal 4-5/11/2004
[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2005

- Is-sofistikazzjoni dejjem tikber tal-kriminalità organizzata, inklużi l-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja oħra, u t-traffikar tad-droga, tal-persuni u l-armi fuq il-fruntieri tista' tkun biss miġġielda permezz ta' l-infurzar aħjar tal-liġi u l-ko-operazzjoni ġudizzjarja, kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE, u permezz ta' appoġġ lill-iżvilupp ta' kapaċità fil-pajjiżi terzi.

- Immigrazzjoni illegali qiegħda hemm biex tibqa' u tippreżenta lill-UE l-bżonn li tkun żviluppata strateġija komprensiva. Għandha tindirizza mhux biss kwistjonijiet bħalma huma d-dħul u l-ilqugħ, iżda wkoll l-kawżi fundamentali ta' l-immigrazzjoni u l-impatt fuq il-pajjiżi ta' oriġini u tranżitu.

- Il-falliment ta' l-istituzzjonijiet, bħalma huma l-korpi ġudizzjarji u ta' l-infurzar tal-liġi, fi stati dgħajfin u żoni ta' inkwiet madwar id-dinja joħloq vakum li jista' jkun sfruttat mill-kriminalità organizzata. L-UE qiegħda tappoġġa t-trasformazzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' l-infurzar tal-liġi dgħajfin jew li ma jeżistux f'ċerti pajjiżi terzi f'korpi li jiffunzjonaw tajjeb.

- Il-bżonn ta' ċertezza u prevedibilità legali f'relazzjoni mat-tranżazzjonijiet bejn il-fruntieri f'ekonomija li dejjem qiegħda ssir aktar globali. Dawn l-isfidi għandhom il-potenzjal li jħaffu s-sitwazzjoni tan-negozji u ċ-ċittadini fl-Ewropa u jtejbu b'mod sinifikattiv il-protezzjoni tat-tfal fid-dinja.

## III. OBJETTIVI

L-iskop ta' din il-Komunikazzjoni hu li turi **kif id-dimensjoni esterna tal-ġustizzja u l-affarijiet interni jikkontribwixxu għat-twaqqif tal-qasam intern tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u fl-istess ħin tappoġġa l-objettivi politiċi tar-relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea,** inklużi s-sħubija u l-promozzjoni tal-valuri tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fil-pajjiżi terzi. Għalkemm l-istrumenti li jkopru l-aspetti esterni tal-politika ta' l-UE dwar il-libertà, il-ġustizzja u s-sigurtà huma stabbiliti, l-UE qiegħda torganizzahom għall-ewwel darba abbażi ta' prinċipji definiti u linji ta' gwida fi strateġija. Din l-istrateġija għandha tifforma parti integrali tal-politika dwar ir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE iżda fiha, l-aspetti tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà għandhom jkunu rinfurzati. Jekk biss ikunu segwiti priniċipji u prijoritajiet definiti, u billi jsir xogħol sistematikament b'risq l-objettivi iffissati hawn taħt, tista' l-UE tassisti b'mod effiċjenti pajjiżi terzi fir-risposta għal sfidi dejjem jikbru u biex għalhekk ikunu sodisfatti l-aspettattivi tagħhom.

Il-kwistjonijiet tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja qegħdin fil-qalba taż-żamma ta' l-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea. Il-promozzjoni taċ-ċaqliq ħieles fl-UE, fruntieri aktar miftuħa b'mod ġenerali u integrazzjoni globali akbar żiedu dimensjoni ġdida għall-ko-operazzjoni internazzjonali. Ġestjoni effiċjenti tal-fruntiera hi vitali biex ikun miġġieled theddid bħalma huma t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, filwaqt li jsir kontribut lejn relazzjonijiet tajbin bejn il-pajjiżi ġirien. Qrati indipendenti u effiċjenti huma indispensabbli biex jinżamm l-istat tad-dritt u ikun żgurat il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem; ko-operazzjoni bejn il-qrati hi vitali kemm biex jitħaffu it-tranżazzjonijiet tan-negozju internazzjonali kif ukoll biex ikun żgurat li s-suspettati kriminali ma jibqgħux jaħarbu mill-ġustizzja. Sistemi ta' kenn politiku li jiffunzjonaw tajjeb huma neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni lir-refuġati irrispettivament minn fejn jistgħu jkunu fid-dinja. Korpi tal-pulizija effiċjenti u effettivi li jistgħu jikko-operaw ma' korpi oħrajn bħalhom f'pajjiżi oħra, huma essenzjali biex jiġġieldu l-forom kollha ta' kriminalità organizzata u jiżguraw sigurtà għaċ-ċittadini fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Biex jintlaħqu dawn l-objettivi jinħtieġ xogħol iebes,

ħin u sforzi maħsuba kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Kunsill. Huwa importanti li l-UE tiżviluppa inizjattivi u tipproponi soluzzjonijiet għan-numru dejjem jikber ta' sfidi f'dan il-qasam.

Il-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt esternament permezz tal-ko-operazzjoni hija essenzjali biex ikun rinfurzat il-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja internament. Issa hemm għarfien ġenerali li l-aspetti interni u esterni tas-sigurtà ta' l-UE huma intrinsikament magħqudin. Soċjetajiet ibbażati fuq tmexxija tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet umani jkunu effettivi aktar fil-prevenzjoni ta' theddid domestiku għas-sigurtà tagħhom stess, għax li kieku ma jkunx hekk dan it-theddid jinfirex u jaffettwa lill-UE, kif ukoll jistgħu jkunu f'qagħda aħjar biex jikko-operaw kontra theddid internazzjonali komuni. Barra minn hekk, dawn il-prinċipji kienu identifikati ukoll mill-komunità internazzjonali bħala fatturi kritiċi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennjum. L-iżvilupp, is-sigurtà u d-drittijiet umani jsaħħu lil xulxin; it-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt – fuq livell kemm domestiku kif ukoll internazzjonali – m'huwiex biss għan fih innifsu iżda essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli u għandu jkun segwit permezz ta' azzjonijiet esterni.

Fil-fruntieri tagħha, l-UE żviluppat qafas wiesa' biex jirregola l-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Filwaqt li l-istrutturi huma naturalment differenti b'mod enormi bejn il-pajjiżi, il-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, xorta waħda jista' jkun ta' ispirazzjoni għall-pajjiżi terzi. PIl-Politika esterna għandha sehem kruċjali fl-esportazzjoni tas-sigurtà u l-istabbiltà. TIt-Tkabbir ifisser it-traspożizzjoni ta' l-*acquis* kif ukoll t-trasformzzjoni ta' l-istituzzjonijiet, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi potenzjalment kandidati. It-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet bħalma huma l-qrati u l-pulizija għamel kontribut deċiżiv fil-konsolidament ta' l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet umani fil-pajjizi kandidati. Bl-istess mod, dawn l-aspetti isostnu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam ma' sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat .

L-UE tista' tagħmel aktar biex issaħħaħ il-kapaċitajiet u l-ko-operazzjoni fid-dinja. Ma jistgħux ikunu mistennija riżultati istantanji; ir-riforma ta' sistema ġudizzjarja jew it-twaqqif ta' sistema effettiva ta' kenn politiku tieħu s-snin, mhux xhur. Madankollu il-kwistjonijiet li jiltaqgħu magħhom l-UE, il-ġirien tagħha u verament il-pajjiżi kollha fid-dinja huma simili. L-esperjenza u s-suċċess ta' l-UE fi kwistjonijiet bħalma huma l-ġestjoni tal-fruntiera, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jirrapreżentaw punt ta' referenza utli għall-pajjiżi terzi li jiffaċċjaw l-istess sfidi.

L-UE għandha tkompli tħeġġeġ il-ko-operazzjoni reġjonali. L-isfidi tal-fruntieri, bħalma huma l-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntiera u l-kriminalità organizzata, ta' spiss jistgħu jkunu indirizzati l-aħjar permezz ta' azzjoni kunċertata fuq il-livell reġjonali. Fil-waqt li tibbaża fuq l-esperjenza proprja tagħha u t-tip ta' kwistjoni li jiffaċċjaw ir-reġjuni konċernati, l-UE għandha tappoġġa d-djalogu reġjonali u l-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fir-reġjuni bħalma huma l-Ewropa tal-Lvant u l-Lvant Nofsani jew ma' organizzazzjonijiet reġjonali bħalma hi l-Unjoni Afrikana.

Fuq livell multilaterali, is-snin riċenti raw l-adozzjoni ta' strumenti legali internazzjonali importanti li joħolqu normi ġodda (per eżempju, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Kriminalità Organizzata Trans-nazzjonali u l-Protokolli tagħha, il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni), kif ukoll qed tingħata aktar attenzjoni għat-twaqqif ta' standards internazzjonali, bħalma huma r-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF dwar il-Ħasil tal-Flus. L-UE hi lesta li tappoġġa strateġiji multilaterali biex issaħħaħ l-politika f'dawn l-oqsma, kemm sabiex jitjib is-sehem tagħha fil-korpi internazzjonali kif ukoll biex tħeġġeġ l-iżvilupp ta' aktar strumenti internazzjonali.

Fil-fatt, it-tisħiħ tal-ko-operazzjoni u l-appoġġ ta' l-iżvilupp tal-kapaċità fil-pajjiżi terzi qegħdin diġà jagħtu r-riżultati. Kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet Torok wasslet għal qabdiet rekord ta' droga permezz ta' provisti kontrollati fl-UE fix-xhur riċenti. L-UE qiegħda taħdem mal-Marokk biex issaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntiera u qiegħda tintroduċi ġemellaġġi dwar il-ħasil tal-flus u t-traffikar ta' persuni. Missjoni ta' ġestjoni tal-fruntiera se tibda f'Diċembru biex tgħin lill-awtoritajiet ta' l-Ukrajina u l-Moldovja jeqirdu l-kuntrabandu u t-traffikar bejn il-fruntiera komuni tagħhom. Tħaffif tal-visa u ftehimiet ta' ri-ammissjoni se jkunu iffirmati dalwaqt mar-Russja, li se jaqtgħu burokrazija mhix neċessarja għall-vjaġġaturi leġittimi fil-waqt titħaffef it-tkeċċija ta' l-immigranti illegali. Dawn l-attivitajiet qegħdin diġà jagħtu riżultati tanġibbli għall-individwi kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE; l-adozzjoni ta' din l-istrateġija tippermetti lill-UE li tintensifika l-isforzi tagħha f'dan il-qasam.

## IV. KWISTJONIJIET

Jistgħu' jkunu derivati numru ta' **prijoritajiet politiċi** mill-Programm ta' l-Aja u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu[3], li jipprovdu l-bażi ġenerali għar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, filwaqt li prijoritajiet tematiċi huma ffissati fi Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni (per eżempju l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE kontra t-Terroriżmu[4]; Iil-Kunċett Strateġiku dwar il-Kriminalità Organizzata[5]).

- **Id-drittijiet umani:** il-promozzjoni tad-drittijiet umani f'pajjiżi terzi f'konformità ma' l-istandards internazzjonali u jiżguraw li d-drittijiet umani jitqiegħdu fil-qalba tal-politiki ta' l-infurzar tal-liġi; l-appoġġ l-iżvilupp u t-taħriġ tal-qrati indipendenti u imparzjali li jħarsu d-drittijiet umani u l-istat tad-dritt.

- **It-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet u t-tmexxija tajba:** it-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet ta' l-infurzar tal-liġi u l-kapaċità tagħhom biex jikko-operaw fuq livell internazzjonali; it-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni; il-promozzjoni tat-trasparenza, l-kontabilità u l-ġestjoni soda ta' l-istituzzjonijiet tal-gvern.

- **Il-migrazzjoni, il-kenn politiku u l-ġestjoni tal-fruntiera:** it-titjieb tal-kapaċità tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-protezzjoni tar-refuġjati skond il-liġi internazzjonali; l-appoġġ tal-kapaċità maniġerjali tal-fruntiera operattiva; it-titjieb tas-sigurtà tad-dokument; il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali; it-tħeġġiġ tas-sinerġiji bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp; l-għoti lir-refuġati ta' aċċess aħjar għal soluzzjonijiet dewwiema; ir-ritorn żgurat tal-migranti illegali.

- **Il-ġlieda kontra t-terroriżmu:** l-għoti ta' l-appoġġ lill-pajjiżi terzi biex tinbena l-istituzzjoni u għall-implimentazzjoni ta' l-istrumenti internazzjonali; ħidma ma' pajjiżi terzi biex ikunu indirizzati r-reklutaġġ tan-nies bħala terroristi u l-iffinanzjar tat-terroriżmu; l-appoġġ kontinwu lis-sehem ewlieni tan-NU; il-bini fuq ir-relazzjoni ma' l-Istati Uniti biex titjib il-ko-operazzjoni;

- Il-kriminalità organizzata, inklużi t-traffikar tal-persuni, id-droga u l-organi umani, il-produzzjoni ta' oġġetti foloz, il-kriminalità ekonomika u finanzjarja u l-kriminalità fuq l-

[3] COM(2005)184 – 10/6/2005
[4] Adottat mill-Kunsill Ewropew Ġunju 2004
[5] COM(2005)232 – 2/6/2005

internet: l-appoġġ ta' l-iżvilupp tal-kapaċità istituzzjonali u l-iżvilupp tal-ko-operazzjoni operattiva.

## V. PRINĊIPJI

Il-prinċipji għandhom ikunu ffissati kif ġej sabiex jiggwidaw il-politika favur pajjiżi terzi :

- **Il-prijoritizzazzjoni ġeografika:** il-prijoritajiet għandhom ikunu ffissati, fit-tkabbir, l-iżvilupp u l-politiki tar-relazzonijiet esterni ta' l-UE u jirriflettu r-relazzjonijiet speċjali tagħha ma' pajjiżi terzi jew reġjuni. Għal dan l-għan, ikunu żviluppati politiki komprensivi li jkopru l-aspetti kollha tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà ma' pajjiżi prioritarji, bħalma huma l-pajjiżi kandidati jew tal-viċinanza, fil-waqt ma' pajjiżi oħra l-kooperazzjoni tiffoka fuq kwistjonijiet speċifiċi.

- **Id-Differenzazzjoni:** ma jistax ikun hemm strateġija ta' l-istess daqs għal kulħadd. Approċċ imfassal skond il-qies hu meħtieġ biex iwieġeb għas-sitwazzjoni partikolari ta' pajjiżi u reġjuni individwali.

- **Il-Flessibiltà:** Il-programmar għandu jżomm flessibiltà suffiċjenti sabiex fi żmien ta' kriżi jew f'ċirkostanzi li jinbidlu l-UE tista' tirrispondi malajr għall-prijoritajiet ġodda.

- **Il-Ko-ordinazzjoni interpilastri:** azzjoni esterna li tikkonċerna l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja hi xi kultant interpilastrijali, li tmiss mhux l-oqsma ta' kompetenza tal-Komunità, iżda wkoll il-CFSP jew l-kooperazzjoni mal-pulizija u l-qrati, u għalhekk tinħtieġ koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni biex tkun żgurata koerenza ta' l-attivitajiet esterni ta' l-UE. Il-kompetenzi tal-Komunità għandhom ikunu mħarsa f'relazzjoni man-negozjati ma' pajjiżi terzi.

- **Partnership**: f'konformità mal-prinċipji li jsostnu r-relazzjonijiet esterni ta' l-UE u l-politiki ta' l-iżvilupp, għandha tkun żviluppata ko-operazzjoni f'sħubija mill-qrib ma' pajjiżi terzi, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tal-possessjoni.

- **Relevanza ta' l-azzjoni esterna:** għandu jkun hemm għaqda ċara bejn l-attivitajiet interni li għandhom l-għan li joħolqu qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u l-azzjonijiet esterni biex jappoġġaw dan il-proċess, f'konformità sħiħa mal-koerenza politka kif adottata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2005.

- **Valur miżjud:** skambju regolari ta' informazzjoni dwar attivitajiet fil-pajjiżi terzi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni hu essenzjali biex ikunu evitati d-duplikazzjonijiet inutli u biex tkun żgurata l-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet.

- **Benchmarking**: l-azzjonijiet kollha għandhom jinkludu mekkaniżmi ta' valutazzjoni biex ikunu eżaminati l-progress fil-pajjiżi terzi u r-rilevanza ta' l-azzjoni għall-objettivi tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE.

## VI. STRUMENTI TA' POLITIKA

Il-medda wiesgħa ta' strumenti f'idejn l-UE tirrapreżenta saħħa sinifikattiva li tippermetti lill-UE biex tfassal l-ko-operazzjoni esterna tagħha għas-sitwazzjoni ta' kull pajjiż. Impenn ma' pajjiżi terzi jinvolvi t-tfassil ta' l-istrumenti li ġejjin f'mod koerenti u ko-ordinat.

**(1) Ftehimiet bilaterali**

Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jew Sħubija u Kooperazzjoni inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja; ftehimiet ta' riammissjoni; ftehimiet ta' tħaffif ta' visa; assistenza legali reċiproka u ftehimiet ta' estradizzjoni.

Għal xi pajjiżi, ftehim ta' tħaffif ta' visa hi kwistjoni importanti Qed tkun preparata strateġija, fil-kuntest ta' politika ta' riammissjoni.

**(2) Proċessi ta' tkabbir u pre-adeżjoni**

Il-proċess ta' tkabbir mal-Kroazja u t-Turkija, u l-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u l-Assocazzjoni mal-Balkani Oċċidentali jinkludu l-prioritajiet tal-ġustizzja, l-libertà u s-sigurtà.

**(3) Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Politika ta' Viċinanza Ewropea (ENP)**

Pjanijiet ta' Azzjoni b'komponenti sostanzjali dwar il-ġustizzja, il-libertà, is-sigurtà kienu konklużi ma' l-Ukrajina, il-Moldova, il-Marokk, it-Tuneżija, l-Iżrael, il-Ġordan, u l-Awtorità Palestinjana u qed ikunu ippreparati oħrajn ma' l-Eġittu, il-Lebanon, l-Armenja l-Ażerbajġan u l-Ġorġa.

**(4) Ko-operazzjoni reġjonali**

Organizzazzjonijiet reġjonali bħalma huma t-Task-Force tal-Baħar Baltiku, l-ASEM u l-proċess tal-Euro-Med iġibu flimkien atturi dwar kwistjonijiet ta' tħassib komuni fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u is-sigurtà.

**(5) Arranġamenti individwali**

Ma' l-Istati Uniti, kwistjonijiet tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà huma koperti bl-Aġenda l-Ġdida tat-Transatlantiku kif ukoll b'format speċjali fuq livell ministerjali fid-Djalogu Politiku dwar il-Fruntiera u s-Sigurtà tat-Trasport. Dawn il-kwistjonijiet huma diskussi mal-Kanada, l-Awstralja, il-Ġappun u ċ-Ċina fil-kuntest ta' djalogu orizzontali. Hemm laqgħat ministerjali tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà mar-Russja (Il-Kunsill Permanenti tas-Sħubija ), l-Ukrajina u l-Forum tal-Balkani Oċċidentali.

**(6) Ko-operazzjoni operattiva**

Europol, Eurojust, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija u l-Aġenzija tal-Fruntieri jiżviluppaw jew se jiżviluppaw ftehimiet u arranġamenti ta' ħidma ma' partijiet korrispondenti fil-pajjiżi terzi. Qed jitwaqqfu f'xi pajjiżi terzi xbieki ta' uffiċjali ta' ko-ordinament msejħa mill-Istati Membri .

**(7) Żvilupp ta' l-Istituzzjoni u ġemellaġġ**

L-iżvilupp ta' istituzzjonijiet u l-kapaċità ta' implimentazzjoni fil-pajjiżi terzi huma ċentrali fl-attivitajiet ma' ħafna pajjiżi terzi. Ġemellaġġi bejn l-istituzzjonijiet ta' Stati Membri u l-istituzzjonijiet korrispondenti fil-pajjiżi terzi huma mekkaniżmi utli ħafna fl-iżvilupp tal-kapaċità filwaqt li missjonijiet ta' esperti jistgħu jipprovdu speċjalizzazzjoni dwar kwistjonijiet partikolari.

**(8) Politika ta' żvilupp**

Żvilupp hu tweġiba effetitiva f'terminu twil li jikkonċerna lill-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Politika ta' Żvilupp ta' l-UE tidentifika t-tmexxija u d-drittijiet umani bħala għanijiet kumplimentari għall-objettiv ġenerali tat-tnaqqis tal-fqar. [6]

**(9) Programmi ta' għajnuna esterna**

Proġetti fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà huma ffinanzjati skond il-programmi ta' assistenza ta' relazzjonijiet esterni (eżempju CARDS, TACIS, u MEDA). Skond il-perspettivi finanzjarji l-ġodda, l-istrumenti tar-relazzjonijiet esterni proposti jinkludu dispożizzjonijiet xierqa għal dawn l-azzjonijiet. Il-Kummissjoni pproponiet programm tematiku għall-migrazzjoni u l-kenn politiku bħala suċċessur tal-programm preżenti AENEAS li jipprovdi assistenza għall-ġestjoni tal-migrazzjoni.[7]

**(10) Organizzazzjonijiet internazzjonali**

Il-KE u l-Istati Membri huma atturi ewlenin fl-organizzazzjonijiet internazzjonali (per eżempju UNHCR, UNODC, il-Kunsill ta' l-Ewropa, FATF, UNIDROIT, UNCITRAL, il-Konferenza ta' l-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata), li jipprovdu bażi utli għall-promozzjoni tal-valuri komuni u l-prijoritajiet. L-UE tħeġġeġ l-pajjiżi terzi biex jirratifikaw u jimplimentaw konvenzjonijiet li jsiru ġebla tax-xewka għall-iżvilupp tal-ko-operazzjoni internazzjonali.

**(11) Il-monitoraġġ**

Mekkaniżmi ta' valutazzjoni għadhom ikunu adattati biex jirrispondu għas-sitwazzjonijiet li jevolvu. Eżempji preżenti jinkludu il-*Partnerships* Ewropej għall-Balkani Oċċidentali, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kriminalità Organizzata mar-Russja, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bejn l-UE u l-Ukrajina, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' valutazzjoni għall-pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, is-sotto-kumitati u l-missjonijiet ta' l-esperti.

## VII. EŻEMPJI ĠEOGRAFIĊI TAL-MIXJA 'L QUDDIEM

Il-prinċipji ewlenin ta' strateġija li tkopri l-aspetti esterni tal-politika ta' l-UE dwar il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja ġeneralment jiffunzjonaw, notevolment fir-rigward il-pajjiżi tal-viċinanza li huma l-ewwel sħab naturali għal kooperazzjoni eqreb. Il-kooperazzjoni fuq dawn il-kwistjonijiet qed tinfirex malajr għal pajjiżi terzi oħrajn, inklużi l-Indja u ċ-Ċina, kif ukoll il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Ma' l-**Istati Uniti** qed tkun żviluppata ***partnership* ta' sigurtà** qawwija, ibbażata fuq valuri komuni, li ffokat fuq il-ġlieda kontra t-terroriżmu sa mill-11 ta' ta' Settembru 2001. Ħafna mill-kooperazzjoni f'dan il-qasam kien żvilupp ġdid bħalma huma l-assistenza legali reċiproka u l-ftehimiet ta' estradizzjoni, u r-relazzjonijiet transatlantiċi li jikkonċernaw kwistjonijiet tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà ffjorixxew minħabba l-interess maqsum fit-trattament ta' l-isfidi l-ġodda. Ġaladarba din id-dimensjoni hi relattivament ġdida, l-UE għandha bżonn akbar li tiddefinixxi l-interessi tas-sigurtà tagħha, ibbażati fuq ir-reċiproċità, u li tippromwovi b'mod vigoruż l-objettivi tal-politika tagħha bħalma hija **l-estenzjoni tal-**

[6] COM(2005) 311-13/7/2005
[7] COM (2005) 324-3/8/2005

**Programm tat-Tneħħija tal-Visa lill-Istati Membri kollha.** Il-bżonn **ta' ħidma flimkien dwar is-sigurtà tal-fruntiera u l-infurzar tal-liġi jiftaħ toroq ġodda ta' ko-operazzjoni għall-UE u l-Istati Uniti,** dejjem bil-ħsieb li jingħeleb in-nuqqas ta' sigurtà.

Il-kooperazzjoni mal-**pajjiżi tal-Balkani Oċċidentali** hi intensiva bl-għan li **tissaħħaħ l-istabbiltà** fir-reġjun fid-dawl tal-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi. Fil-Proċess ta' Stabbilità u Assoċjazzjoni, l-UE qiegħda tappoġġa l-pajjiżi tal-Balkani Oċċidentali, permezz tal-CARDS, biex jiżviluppaw il-prestazzjoni tagħhom fl-erba' oqsma ta' prijorità tal-pulizija u l-kriminalità organizzata, il-ġestjoni integrata tal-fruntiera, ir-riforma tal-qrati, u l-kenn politiku u l-migrazzjoni. Il-porgress lejn il-konklużjoni tal-ftehimiet ta' riammissjoni u t-tħaffif tal-visa jagħti sinjal ta' impenn reċiproku għal aktar kooperazzjoni.

Kienet żviluppata wkoll kooperazzjoni bi tweġiba għat-tħassib speċifiku bħalma hija l-kriminalità organizzata, permezz, per eżempju, l-iżvilupp tal-kooperazzjoni reġjonali bejn il-prosekuturi jew il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra il-ħasil tal-flus. Miżuri oħra jappoġġaw l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ewlenin f'kull pajjiż, inklużi t-twaqqif ta' unitajiet ta' intelliġenza finanzjarja u timijiet speċjalizzati ta' prosekuturi u mħallfin li jittrattaw il-każijiet ta' kriminalità organizzata. **Aktar kooperazzjoni ma' l-Europol, Eurojust kif ukoll l-iżvilupp ta' Ċentru Reġjonali biex Jiġġieled il-Kriminalità bejn il-Fruntieri (SECI) u xibka ta' uffiċjali ta' koordinament tgħin fil-mod kif l-UE tuża l-istrumenti fil-qasam tal-pulizija u l-kooperazzjoni fil-ġustizzja kriminali biex tiġġieled kontra l-kriminalità fil-Balkani Oċċidentali.**

Fir-rigward tar-**Russja**, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà saru fattur ċentrali tal-***partnership* ta' strateġija** kif inhu rifless **fl-Ispazju Komuni wiesa' dwar il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja**, li **issa hemm bżonn li jkun implimentat b'mod effettiv** f'oqsma ta' prijorità bħalma huma l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u t-traffikar tal-persuni u d-droga, il-protezzjoni tad-data, is-sigurtà tad-dokument u l-qatgħa u l-ġestjoni tal-fruntiera. Barra d-djalogu għani fuq ħafna livelli, il-ftehim bejn l-Europol u r-Russja kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kriminalità Organizzata, il-kuntatti ma' l-Eurojust u x-xibka ta' uffiċjali ta' koordinament jipprovdu bażi prattika għal ġibdiet operattivi eqreb. **Il-konklużjoni tal-ftehimiet ta' riammissjoni u t-tħaffif tal-visa jagħtu sinjal ta' impenn qawwi għal aktar kooperazzjoni** u fl-istess ħin jgħinu diskussjonijiet fuq il-prospett fit-tul ta' vjaġġar mingħajr visa.

Għall-**Ukrajina**, l-estensjoni ta' l-**istabbilità** lill-ġirien ta' l-UE estiża u l-appoġġ lill-proċess tar-riforma jiddependu mill-kooperazzjoni mill-qrib li dejjem tikber. Permezz tal-Politika tal-Viċinanza Ewropea u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġustizzja u l-Intern bejn l-UE u l-Ukrajina li se jkun aġġornat dalwaqt, l-UE qiegħda tippromovi l-iżvilupp tal-kapaċità bħala bidla fundamentali tal-qrati, u l-iżvilupp tal-ġestjoni tal-fruntiera u s-sistema tal-kenn politiku f'konformità ma' l-istandards Ewropej. Bħala eżempju ta' riforma istituzzjonali, l-appoġġ tal-Kummissjoni għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' l-Unità ta' l-Intelliġenza Finanzjarja Ukrajina għinet biex l-Ukrajina titneħħa mil-lista s-sewda tal-FATF dwar il-ħasil tal-flus. **Hemm maħsubin negozjati għal ftehim ma' l-Eurojust. Għaddejjin negozjati ta' riammissjoni u negozjati fuq it-tħaffif tal-visa huma mistennija li jibdew dalwaqt.** Issir reviżjoni annwali tal-prijoritajiet fuq il-livell ministerjali ta' Troika u l-implimentazzjoni hi mkejla bi Scoreboard.

Fil-każ tal-**pajjiżi tal-Mediterran**, it-tisħiħ ta' **tmexxija tajba u l-istat tad-dritt** kif ukoll it-titjib tal-**ġestjoni tal-migrazzjoni** u **s-sigurtà** huma l-miri ewlenin. IL--ENP tat impetus ġdid lill-kooperazzjoni f'dan ir-reġjun, fattur diġà fil-proċess ta' Barċellona. Fuq il-livell reġjonali, il-programm dwar il-migrazzjoni, il-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja jirrapreżentaw pass

‘l quddiem bl-appoġġ ta’ l-iżvilupp tal-kapaċità istituzzjonali u bil-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-uffiċjali, li juru l-valur tat-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni reġjonali. **Il-bidu ta’ programm reġjonali ġdid tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà kif ukoll ir-rinforz tad-djologu f’livell għoli dwar it-terroriżmu, jakkumpanjaw il-bidu fil-Laqgħa Għolja ta' Barċellona** ta’ programm ta' ħidma ambizzjuż biex **tinħoloq żona ta' kooperazzjoni reċiproka dwar il-ġustizzja, is-sigurtà, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni soċjali.**

Fuq il-livell bilaterali, il-MEDA tappoġġa proġetti ta’ ko-operazzjoni dwar il-migrazzjoni, il-qrati u l-infurzar tal-liġi f’diversi pajjiżi, inklużi ġemellaġġi fil-Marokk dwar il-ħasil tal-flus u l-ġestjoni tal-fruntiera, u fil-Ġordan dwar il-qrati. Id-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet il-ġodda joħloq klima ta’ kooperazzjoni, inklużi suġġetti bħalma huma l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u d-droga kif ukoll il-protezzjoni tat-tfal. **Il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntiera qegħdin fuq quddiem fl-aġenda, u għandhom jissaħħu *partnerships* fir-reġjun ma’ pajjiżi ta’ oriġini u tranżitu. Hemm bżonn ta’ aktar progress fuq il-programmi ta’ riammissjoni u għandhom ikunu segwiti sforzi biex ikun żviluppat id-djalogu mal-Libja dwar il-migrazzjoni.**

## VIII. IL-PASSI LI JMISSU

L-iskop ta’ din l-istrateġija dwar id-dimensjoni esterna tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja hu doppju: l-ewwel, biex isir kontribut lejn it-twaqqif b'suċċess tal-qasam intern tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja bil-ħolqien ta' ambjent estern sikur, u t-tieni biex jitmexxew 'il quddiem l-objettivi tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE bil-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt, il-valuri demokratiċi u istituzzjonijiet sodi.

Oqsma għall-kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi kienu stabbiliti b’mod ċar fil-Programm ta’ l-Aja u l-Pjan ta’ Azzjoni tiegħu. L-UE għandha f’idejha firxa wiesgħa ta’ strumenti ta' implimentazzjoni li se jkunu applikati skond il-bżonnijiet partikolari tal-pajjiż sieħeb konċernat.

Il-promozzjoni ta’ l-istat tad-dritt barra l-UE hi essenzjali biex issostni s-sigurtà, l-istabbilità u l-iżvilupp domestiku u internazzjonali. Id-dimensjoni esterna tal-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà ma jistgħux jidhru bħala qasam ta’ politika indipendenti iżda bħala parti mill-attivitajiet tal-politika esterna ta’ l-UE.

Għandhom jittieħdu passi diversi biex titħaffef l-applikazzjoni ta’ l-istrateġija:

*L-iffissar tal-prijoritajiet u l-monitoraġġ ta’ l-implimentazzjoni*

- Il-Kummissjoni għandha tiffissa prioritajiet u tiddefinixxi modi ta’ azzjoni xierqa fl-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom.

- Biex jitħaffef il-monitoraġġ tar-riżultati prattiċi skond l-objettivi u l-prijoritajiet iffssati, il-Kummissjoni għandha tipproduċi reviżjoni konsolidata u tissorvelja kontinwament l-implimentazzjoni.

- Hekk kif id-dimensjoni esterna tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja qed tikber malajr u tikseb sinifikanza akbar fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi, il-Kunsill għandu, fuq bażi regolari, jirrevedi l-progress u l-prijoritajiet.

*Effettività u koerenza*

- Il-koordinazzjoni bejn il-gruppi ta' ħidma ġeografiċi tal-Kunsill u l-gruppi li jittrattaw materji tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà tista' titjieb. Coreper għandha wkoll sehem importanti ta' korrdinazzjoni x'tagħti f'dan il-qasam.

- Koerenza ta' l-azzjonjiet esterni ta' l-UE: Tinħtieġ koordinazzjoni biex tkun żgurata koerenza u effettività fuq il-livell ta' l-UE bejn il-politika u l-istrumenti differenti, filwaqt li jinżamm amment tal-kompetenza tal-Kummissjoni. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom ikunu involuti mill-qrib.

- Reazzjoni rapida: Barra l-appoġġ fit-tul għall-iżvilupp ta' l-istituzzjoni, l-UE għandha bżonn tiżviluppa aktar il-kapaċità tagħha biex tirreaġixxi malajr għall-bżonnijiet li jinqalgħu f'daqqa jew it-theddid li jinqala'. Hemm numru li qed jikber ta' sitwazzjonijiet fejn l-UE għandha tippromovi l-kapaċità tagħha biex tipprovdi assistenza malajr.

- Organizzazzjonijiet internazzjonali: il-Kummissjoni għandha taqdi s-sehem sħiħ tagħha fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, f'ko-ordinazzjoni ma' l-Istati Membri, biex tistimula l-iżvilupp ta' l-istrumenti l-ġodda. Għandhom jittieħdu passi xierqa biex jiżguraw il-vizibilità ta' l-azzjoni ta' l-UE fil-korpi internazzjonali .

- Kooperazzjoni reġjonali: il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tappoġġa l-ko-operazzjoni reġjonali dwar kwistjonijiet tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, permezz ta' appoġġ lill-korpi eżistenti bħalma huma l-Unjoni Afrikana, u tinkoraġġixxi inizjattivi ġodda fl-oqsma fejn il-kooperazzjoni reġjonali hi dgħajfa, bħalma huma l-Lvant Nofsani jew l-Ewropa tal-Lvant.